

**Huwa minnu li Sidtna Marija hija Reġina tas-Sema u tal-Art, imma fl-istess waqt hija aktar Omm milli Reġina.**

**Santa Tereża ta' Lisieux**

**Il-Verġni tat-Tbissima f'*Les Buissonnets, id-Dar tat-Tfulija ta' Santa Tereża.***

## Il-Jiem u l-Ħinijiet tad-Duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | |
|---|---|
| **Subien** | |
| *Il-Yr 1*: | It-Tnejn bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| *Mill-Yr 2 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (barra l-Erbgħa) bejn is-7:00pm u t-8:00pm |
| **Bniet** | |
| *Mill-Yr 1 sal-Yr 4*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-5:15pm u s-6:00pm |
| *Mill-Yr 5 sal-Fm 2*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn is-6:15pm u s-7:00pm |
| *Mill-Fm 3 'il fuq*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn is-7:15pm u t-7:45pm |



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## SANTA TEREŻA TA' LISIEUX: Fiċ-Ċokon tal-Ħajja, il-Kobor tal-Qdusija



**Santa Tereża ta' Lisieux u *l-Istorja ta' Ruħ***

Nhar l-1 ta' Ottubru, il-Knisja tagħmel il-festa ta' Santa Tereża ta' Lisieux jew Santa Tereża ż-żgħira, qaddisa żagħżugħa Franċiża, li ħallietilna ktieb imprezzabbli – *L-Istorja ta' Ruħ*. F'dan il-ktieb hija tirrakkonta mhux biss ħajjitha imma wkoll il-mixja spiritwali tagħha li wasslitha għall-qdusija. Forsi meta nisimgħu fuq din il-qaddisa naħslu naqtgħu qalbna, iżda jekk naqraw il-kitba tagħha malajr nintebħu li kienet tifla pjuttost bħall-oħrajn, għalkemm kellha xewqa speċjali għal Alla. Darba kienet miexja mal-ġenituri tagħha billejl u hi u tħares lejn il-kwiekeb rat bħal donnu l-ittra *'T'* fis-sema u qalet lill-ġenituri tagħha kollha ferħana Ismi ġa hu miktub fis-sema!

**Bint fi ħdan Familja Qaddisa**

Tereża twieldet f'Alençon fl-1873, bint il-qaddisin Louis u Zélie Martin, ikkanonizzati mill-Papa Franġisku ftit tas-snin ilu. Din il-koppja eżemplari kellhom b'kollox 9 itfal iżda 4 minnhom mietu ta' età żgħira. It-tfal li baqgħu ħajjin kienu kollha bniet u kollha daħlu sorijiet: 4 minnhom, inkluża Tereża, fil-Karmelu ta' Lisieux, filwaqt li t-tifla tan-nofs, Léonie, daħlet mas-sorijiet Visitandini f'Caen, fi Franza stess.

**Titlef lil Ommha imma tiskopri l-ħlewwa tal-Omm tat-Tbissima**

Tereża kienet kemmxejn kappriċċuża u rasha pjuttost iebsa tant li meta ma kinitx tieħu li trid kienet tinfaqa' tibki u tintefa' mal-art. Ommha kienet tgħid: 'Xejn ma jġegħilha tbiddel fehmtha!' Biss Tereża kellha wkoll iġġarrab it-tbatija minn età żgħira għax ommha Zélie mietet b'kanċer tas-sider meta ċ-ċkejkna kellha biss erba' snin. Din it-telfa ħalliet impatt kbir fuq it-tifla li tant kellha karattru sensittiv. Post ommha ħaditu oħtha Pauline iżda meta din telqet lejn il-Karmelu ta' Lisieux, monasteru tal-klawsura, Tereża ħasset li kienet tilfet it-tieni omm tagħha u waqgħet f' marda kbira.

Fil-kamra tat-tifla, kien hemm statwa tal-Madonna tal-Vitorja li l-familja Martin kellha devozzjoni kbira lejha. Il-bniet tant kienu jimlewha b-bews li l-missier kien sikwit jgħidilhom li se tittiekel! Meta l-bint il-kbira, Marie, kienet ċerta li Tereża kienet waslet fl-aħħar ta' ħajjitha, hija ġabret liż-żewġ ħutha l-oħra ħdejn is-sodda tal-marida u bdew jitolbu bil-ħerqa lill-Madonna għall-fejqan ta' Tereża. F'daqqa waħda, huma raw liċ-ċkejkna tħares ċass lejn l-istatwa. Tereża tirrakkonta kif qalb dik it-tbatija, rat lill-Madonna titbissmilha, u tgħid li dak il-ħin, l-uġiegħ kollu għeb u żewġ demgħat ta' ferħ ġelbnu ma' ħaddejha għax il-Verġni mbierka kienet hemm u tbissmitilha. Din kienet il-fidi fil-familja Martin: li bil-ħajja tagħhom jagħtu ġieħ lis-Sema.

**Relazzjoni qawwija ma' Missierha li għallmitha tħossha tifla ċkejkna quddiem Alla**

Fin-nuqqas t'ommha, Tereża kabbret relazzjoni speċjali ħafna ma' missierha li kien isejħilha r-Reġina tiegħu u dan għen lil Tereża biex fuq missierha tfassal ix-xbieha tagħha ta' Alla. Bis-saħħa tal-imħabba ta' Louis Martin, Tereża għarfet li Alla kellu qalb ta' missier, u kienet ċerta li bħalma missier twajjeb jgħin lil uliedu, iċ-ċokon u d-dgħufija tagħha kienu se jiġbdu l-għajnuna tal-Missier tas-sema. Kienet ċerta li setgħet tafda lil Alla l-Missier kompletament ladarba kienet bintu u baqgħet tafdah anke meta għaddiet minn perjodu ta' dlam spiritwali kbir f'ħajjitha. Filfatt, Tereża bniet l-ispiritwalità tagħha fuq li tkun ċkejkna, bħal tifla, quddiem Alla.

**Fil-Karmelu ta' Lisieux**

Tereża għamlet l-ewwel tqarbina meta kellha 11-il sena. Dakinhar, Alla taha l-grazzja tagħraf l-importanza tat-tbatija li kien se jkollha f'ħajjitha. Ta' 15-il sena mbagħad daħlet fil-Karmelu b'permess speċjali, għax kienet għadha taħt l-età, u hemmhekk, għexet b'mod eżemplari l-ħajja Karmelitana b'dak li titlob, fosthom iċ-ċaħda, l-awsterità, il-mortifikazzjoni, il-kontemplazzjoni u t-talb fil-komunità, il-fiduċja f'Alla u s-solitudni.

**Tbaqabaq bil-Ħajja**

Minkejja li kienet magħluqa wara l-gradi tal-klawsura, hi għarfet li l-vokazzjoni tagħha kellu tkun l-imħabba u kienet tgħid lilha nnifisha: *"Irrid inżomm f'moħħi li l-iċken att ta' mħabba jiswa iktar minn kull biċċa xogħol oħra f'daqqa."* Kellha qalb tassew missjunarja u xtaqet li tmut martri għal Kristu. Xtaqet tagħmel atti erojċi għall-fidi u tikteb: *"Irrid inkun gwerriera ... Nixtieq immut fil-kamp tal-battalja biex niddefendi l-Knisja. Nixtieq indur mad-dinja nipprietka ismek u nwaqqaf is-Salib glorjuż tiegħek fl-artijiet pagani."* Imma kienet taf li minħabba saħħitha u ċ-ċirkustanzi ta' ħajjitha, dan donnu ma kienx parti mill-pjan ta' Alla. Kienet titlob ħafna u toffri t-tbatijiet tagħha għall-missjunarji u għall-konverżjonijiet għax ħajjitha kienet immexxija mix-xewqa li ssalva l-erwieħ. Wara biss ftit snin fil-Karmelu fejn Tereża għamlet passi ta' ġgant fil-ħajja spiritwali tagħha, hija mardet bit-tuberkolożi u mietet ta' 24 sena.

**Mudell u Mgħallma ta' Ħajja Qaddisa u Missjunarja**

Hija kienet ċerta wkoll li din ix-xewqa li tkun ta' għajnuna u ġid għall-proxxmu kienet se tibqa' anke wara mewtha. Filfatt, Tereża kienet iddikjarat b'qawwa kbira li hi kienet se tgħaddi l-ġenna tagħha tagħmel il-ġid fuq l-art. Tant irnexxiet din ix-xewqa tagħha li fl-1927, il-Papa Piju XI iddikjara lil Santa Tereża patruna tal-missjoni, flimkien ma' San Franġisk Saverju. Aktar tard il-Papa, llum San Ġwanni Pawlu II, iddikjaraha Duttur tal-Knisja u hija wkoll it-tieni qaddisa patruna ta' Franza, wara Santa Giovanna d'Arco, li tant kienet tammira. F'dan ix-xahar iddedikat lill-missjoni, ejjew nitolbu biex bl-interċessjoni ta' Santa Tereża, ħafna erwieħ isiru jafu b'Ġesù jew jerġgħu jduru lejh sabiex fih, isibu wkoll l-imħabba kollha ħniena tal-Missier.



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Ottubru 2019

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 30 ta' Settembru | **Bidu tas-Sena tal-Katekiżmu**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa għat-tfal kollha, flimkien mal-ġenituri, li jattendu d-Duttrina fil-MUSEUM (Subien u Bniet), li fiha nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu. |
| Il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru | **Jum l-Ambjent** - Festa ta' San Franġisk ta' Assisi<br>**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 6 ta' Ottubru | **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**<br>Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna<br>Fis-6:30pm - Purċissjoni li matulha jingħad ir-Rużarju u tagħlaq b'ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| Il-Ħamis 10 ta' Ottubru | **Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: *235 sena (nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)***<br>Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-MUSEUM tas-Subien. |
| Il-Ħadd 13 ta' Ottubru | **Jum it-Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.<br>Fl-10:30pm - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ħamis 17 ta' Ottubru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-MUSEUM tas-Subien. |
| Il-Ħadd 20 ta' Ottubru | **Jum il-Missjoni** |
| *Mit-Tnejn 21 sal-Ġimgħa 25 ta' Ottubru* | *Ġimgħa speċjali ta' Preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof* |
| Il-Ħadd 27 ta' Ottubru | **Jum il-Bibbja u l-Griżma tal-Isqof**<br>Fl-4:00pm - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof<br>*Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm.* |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Cain Bondin

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***

Patrick Abdilla u Tiziana Flores

Kevin Portelli u Brenda Cassar

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Anthony Busuttil

***Nitolbu għalihom!***

